



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Frar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0048(NLE)

6446/21
ADD 23

RECH 72
COMPET 123
IND 40
MI 105
SAN 82
TRANS 94
AVIATION 42
ENER 50
ENV 94
SOC 95
TELECOM 70
AGRI 79
SUSTDEV 22
REGIO 29
IA 22

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 38 final - Part 2/9.
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa Sħubija Ewropea dwar Saħħa Innovattiva

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 38 final - Part 2/9..

Mehmuż: SWD(2021) 38 final - Part 2/9.



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2021
SWD(2021) 38 final

PART 2/9

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta'
Orizzont Ewropa**

Sħubija Ewropea dwar Saħħa Innovattiva

{COM(2021) 87 final} - {SEC(2021) 100 final} - {SWD(2021) 37 final}

Valutazzjoni tal-impatt ta' Sħubija Ewropea dwar Saħħa Innovattiva
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
L-UE tbatli mill-fatt li r-riċerka eċċellenti tagħha dwar is-saħħa ma twassalx b'mod suffiċjenti għal prodotti u servizzi innovattivi biex itejbu saħħet in-nies. B'mod parallel, l-UE tinsab f'riskju li titlef it-tmexxija globali tagħha fis-saħħa u l-kura. Dawn il-problemi jirriżultaw minn: - fehim inkomplet tal-mard; - kollaborazzjoni insuffiċjenti bejn l-akkademja u l-industrija tas-saħħa; - kollaborazzjoni limitata bejn is-setturi tal-industrija; u - ostakli għas-suq li jaffettwaw l-adozzjoni tal-innovazzjoni fil-kura u s-saħħa. Jekk ma jiġux indirizzati, dawn il-problemi se jirriżultaw fi tnaqqis tal-attivitajiet dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni tas-saħħa (R&I) fl-UE u fit-titjib limitat fil-kwalità tal-kura tas-saħħa, li jaffettwa b'mod negattiv is-saħħa pubblika u l-benessri. L-inizjattiva proposta tindirizza dawn l-isfidi u twieġeb għar-rakkomandazzjoni prinċipali mill-evalwazzjoni interim tal-inizjattiva predeċessur, l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2 JU), jiġifieri biex tiżgura l-involviment attiv tas-setturi tal-industrija għajr l-industrija farmaċewtika.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
- kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' ekosistema R&I tas-saħħa mifruxa madwar l-UE kollha li permezz tagħha l-għarfien xjentifiku eħfef li jissarraf f'innovazzjonijiet li jwieġbu għall-bżonnijiet tal-utent finali, tal-pazjenti u tal-professjonisti fil-kura tas-saħħa; - żvilupp iffaċilitat ta' innovazzjonijiet iffukati fuq in-nies li jindirizzaw il-bżonnijiet tas-saħħa pubblika li ma jkunux intlaħqu; u - industrija iktar kompetittiva tas-saħħa tal-UE bis-saħħa ta' kollaborazzjoni transsettorjali msaħħa.
X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
L-isfidi tas-saħħa huma ta' natura globali, daqstant ieħor hija r-R&I meħtieġa biex tindirizzahom. Ħafna mill-oqfsa legali relatati mas-saħħa li jirregolaw l-iżvilupp u l-introduzzjoni tas-suq ta' teknoloġiji tas-saħħa ġodda (pereżempju l-provi kliniċi, il-prodotti mediċinali, it-tagħmir mediku, id-dijanjustici <i>in vitro</i> u t-terapiji avvanzati) huma bbażati fuq oqfsa regolatorji tal-UE. Ħafna mill-kumpaniji li huma attivi fil-qasam tas-saħħa għandhom preżenza mifruxa mal-UE kollha. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tal-inizjattiva jmorru lil hinn mill-kapaċità tal-Istati Membri individwali u jeħtieġu l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi u tal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma d-diversi għażliet biex jinkisbu l-oġġettivi? Hemm jew le xi għażla ppreferuta? Jekk le, għaliex?
L-għażliet huma kif ġej: - sejħiet għal proposti regolari ta' Orizzont Ewropa; - sħubija koprogrammata; u

- sħubija istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 187 TFUE. L-isħubija istituzzjonalizzata hija l-għażla ppreferuta. Din toffri l-aħjar proporzjon ta' kost versus impatt, kif ukoll tqis ir-riskji assoċjati, u twiegħed li twassal l-oġettivi b'mod effiċjenti u tikseb l-impatti mistennija.
X'jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?
L-għażla tas-sħubija istituzzjonalizzata kellha l-akbar appoġġ fl-attivitajiet ta' konsultazzjoni kollha, fil-kategoriji tal-partijiet ikkonċernati kollha (l-Istati Membri, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija, ir-riċerkaturi, l-awtoritajiet pubbliċi, l-NGOs u l-pubbliku ġenerali). Bis-saħħa tal-impenn u l-finanzjament fit-tul, ġiet ikkunsidrata bħala l-aktar effettiva f'termini ta' impatti xjentifiċi, ekonomiċi u soċjetali. L-arranġament legalment vinkolanti ġie apprezzat bħala wieħed li joffri fiduċja, b'mod partikolari dwar il-ġestjoni tal-propjetà intellettuali, sabiex b'hekk tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tad-<i>data</i> meħtieġa biex jitwettqu l-impatti. Il-gruppi tal-partijiet ikkonċernati kollha, imma b'mod partikolari s-settur pubbliku, raw l-opportunità li jkollhom rwol ewlieni fl-issettjar tal-aġenda tar-riċerka bħala waħda kruċjali biex jinkiseb l-impatt soċjetali.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?
Sħubija istituzzjonalizzata għandha tiżgura bl-aħjar mod li s-setturi privati u pubbliċi jibqgħu involuti b'mod sħiħ fl-implimentazzjoni tal-istrateġija li tkun ġiet miftiehma b'mod konġunt, fit-tul għal R&I dwar is-saħħa. Din hija konsistenti bl-ingranaġġ tar-riżorsi industrijali, finanzjarji u <i>in natura</i> biex jiġi massimizzat l-impatt tal-finanzjament tal-UE. Din għandha tappoġġa l-iżvilupp ta' strateġija għall-innovazzjoni tas-saħħa li hija allinjata bis-sħiħ mal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni. L-għażla ppreferuta għandha tiżgura wkoll l-istabbiliment ta' Uffiċċju tal-Programmi għal sostenn amministrattiv maħluq apposta għall-attivitajiet ta' koordinazzjoni u ta' komunikazzjoni.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?
L-UE u l-assoċjazzjonijiet industrijali tal-membri se jiffinanzjaw is-sħubija b'mod konġunt, u tal-aħħar li se jipprovdu mill-inqas 50 % tal-baġit totali. L-imsieħba se jkollhom bżonn jimmobilizzaw wkoll ir-riżorsi meħtieġa biex ikopru l-kostijiet operazzjonali tal-azzjonijiet iffinanzjati u l-kostijiet amministrattivi tal-Uffiċċju tal-Programm. L-assoċjazzjonijiet se jwettqu wkoll attivitajiet addizzjonali, kif stipulat fl-att leġislativ.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?
Bis-saħħa tal-interazzjoni mill-qrib tal-industrija tas-saħħa (inklużi l-SMEs) mal-akkademja, l-imsieħba kollha għandhom isaħħu l-bażi xjentifika tagħhom biex iwasslu soluzzjonijiet innovattivi tas-saħħa. Għaldaqstant, u bl-involvement bikri ta' atturi tas-saħħa pubbliċi oħra, l-industrija għandha tkun tista' twieġeb aħjar għall-bżonnijiet tal-utenti finali, jiġifieri l-pazjenti, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-fornituri tal-kura tas-saħħa. Din se ttejjeb ukoll il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fis-swieq globali u ssaħħaħ l-ekonomija u s-sovranià teknoloġika tal-UE. L-integrazzjoni ta' diversi setturi tal-industrija se toħloq ekosistema kollaborattiva tar-R&I aktar aġli u favur l-SME.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
L-ebda impatt sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra?
Kontribuzzjoni pożittiva dwar id-drittijiet fundamentali (id-dritt għas-saħħa u d-dritt għall-aċċess għall-kura tas-saħħa, inkluża l-kura preventiva u relatata mat-trattament); Prodotti tas-saħħa żviluppati ġodda bbażati fuq id-<i>data</i> u għodod diġitali jista' jkollhom implikazzjonijiet għall-immaniġjar ta' <i>data</i> personali tas-saħħa u b'hekk għad-drittijiet ta' privatezza; L-għodod diġitali jistgħu jħallu impatt pożittiv fuq il-katina tal-valur u fuq l-istandardizzazzjoni tas-“saħħa intelliġenti”, u jappoġġaw it-tmexxija industrijali tal-UE; L-ebda impatt fuq is-simplifikazzjoni, fuq l-aspetti regolatorji jew fuq il-piżijiet amministrattivi.
Proporzjonalità?
L-għażla ppreferuta hija proporzjonata għal dak li hu meħtieġ biex jiġu indirizzati l-problemi inkwistjoni.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
L-inizjattiva se tiġi rieżaminata f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mad-deċiżjonijiet ta' Orizzont Ewropa li għandhom jiġu stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill rilevanti.